# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 5 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 1434/98**

**Numru 29**

**Gaetano Vella Limited**

**vs**

**Carmen Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallasha s-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm845) bilanc minn somma akbar dovuti mill-konvenuta ta' diversi oggetti mibjughin u debitament konsenjati lill-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorji tas-16 ta' Novembru 1997 u tal-25 ta' Marzu 1998 u ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 1998 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-interpellanza ghall-hlas.

Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 6 tal-atti) li biha eccepiet:

1. Illi m'ghandhiex taghti lis-socjeta attrici l-ammonti pretizi peress illi tal-merkanzija li hadet minghand is-socjeta attrici hija hallset.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jidher mill-provi prodotti li l-konvenuta kienet akkwistat minghand is-socjeta attrici diversi oggetti, liema oggetti kienu gew konsenjati jew personalment lill-konvenut jew f'indirizz f'Birkirkara indikat minnha stess. Jidher li dan kien gara f'diversi okkazjonijiet kif filfatt jidher mix-xhieda b'affidavits ta' <u>Paul Xuereb</u> (fol 8 tal-atti) fejn qal ".... fl-ahhar konsenja li kont wasaltilha jiena, kont gbartilha kont wiehed (billi kellha diversi kontijiet li kienu ghadhom pendenti) u hi ffirmat li kienet rceviet l-affarijiet kollha hemm indikati u li kien fadlilha l-bilanc hemm indikat".

In rigward dan issir referenza ghad-dokumenti bid-data tal-14 ta' Mejju 1996 u markati Dok PXI a fol 10 u 11 tal-atti. Hawnhekk hawn elenkati l-ahhar oggetti li akkwistat il-konvenuta kif ukoll il-bilanc ghadhom ma humiex imhallsin ossija Lm997, liema ammont gie mizjud b'Lm73 b'kollox Lm1070 minhabba oggett li gie mibdul u d-differenza fil-prezz relattivament ghall-istess oggett. L-istess dokument gie iffirmat mill-konvenuta ghal darbtejn u dan in konnessjoni mal-pagamenti mensili li kellhom jsiru mill-konvenuta ossija Lm40 kif ukoll in rigward il-konsenja f'kondizzjoni tajba. Fuq l-istess dokument ix-xhud Paul Xuereb kien nizzel id-dati u l-ammonti li hallset il-konvenuta. B'kollox jidher li dawn il-pagamenti kienu jammontaw ghal Lm225 bl-ahhar pagament jigi effettivament fit-30 ta' Mejju 1997. Ghalhekk skond l-istess xhud kien hemm bilanc dovut ta' Lm845, kif pretiz fl-avviz.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta ma tikkontestax li xtrat l-oggetti in kwistjoni ossija fajjenza u ghamara minghand s-socjeta' attrici. Filwaqt li fl-eccezzjoni sottomessa minnha, hi rreteniet li "Hija hallset", fix-xhieda taghha hi qalet "suppost kelli nhallas madawar Lm800" waqt li kien hemm xi oggetti ordnati izda mhux konsenjati lilha specifikatament arlogg, gradenza, figorina u frame. Hi kompliet tghid "B'kollox

komplessivament hallast Lm420. Bil-gurament nghid hallast ta' dak kollu li gie konsenjat lili". In sostenn ta' dan hi esebiet kemm sitt ricevuti kemm tlett delivery notes" (fol 19 u 20 tal-atti). F'affadavit li kien sar sussegwentement (Fol 23 ibid) il-konvenuta hawnhekk qablet li l-prezz komplessiv ta' merkanzija li xtrat kien LM997. Skond hi, pero' is-socjeta' attrici ma kienetx naqset "id-depositu ta' hlas kollha li jien ghamilt". Difatti, skond hi, kienet hallset depositi ta' Lm225 (ara fol 19) kif ukoll Lm293 kif muri fuq wara il-"quote" 8492 a fol 20. Ghalhekk skond hi, kien sar hlas akkont ta' Lm518 u b'hekk kien fadal bilanc dovut skond hi ta' Lm479.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, mill-provi prodotti jidher illi, a basi tal-imsemmi Dok PX1 a fol 10 u 11 tal-atti, il-konvenuta, fl-14 ta' Mejju 1996 kienet debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont, accettat minnha stess ta' Lm997. Dan il-fatt hu anness minnha stess fix-xhieda taghha oltre li iffirmat l-istess dokument ghal darbtejn. Jidher ukoll li hu minnu li minn dan il-bilanc dovut hallset Lm225. Pero l-konvenuta tikkontendi li kienet hallset ukoll Lm293 kif muri fuq wara il-"quote 8492" a fol 20. Pero jidher evidenti li l-pagamenti murija "a tergo" tal-"quote" imsemmi kollha saru <u>qabel</u> l-14 ta' Mejju 1996 u b'hekk, jidher li l-ammont ta' Lm293

effettivament kien gie imnaqqas meta kien sar u gie firmat mill-konvenuta d-dokument markat Dok PX 1 a fol 11 ibid.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk jidher li l-ammont specifikat fl-avviz ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm845 bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-16 ta' Novembru 1997 u tal-25 ta' Marzu 1998 u ta' dik ufficjali tat-12 ta' Marzu 1998.

Alan Calleja
Dep.Reg